# KAPULAVURI MILL-KNEJJES TAL-BELT

## TEŻORI ARTISTIĊI U STORIĊI MILL-KNEJJES BELTIN



Uffiċċju tal-Prim Ministru
Berġa ta' Kastilja, Il-Belt Valletta

# KAPULAVURI MILL-KNEJJES TAL-BELT

**TEŻORI ARTISTIĊI U STORIĊI MILL-KNEJJES BELTIN**

**Sac. Charles Vella**

Din il-wirja organizzata mill-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti u s-Segretarjat tal-Prim Ministru fl-okkażjoni tan-Notte Bianca 2013, hija opportunità biex naraw mill-qrib u b'ammirazzjoni dak li ħallewlna missirijietna li jibqa' jfakkar l-istorja ta' pajjiżna.

Din il-wirja ta' teżori u kapulavuri mill-knejjes Beltin hija tieqa importanti fuq l-istorja ta' pajjiżna. Dak li wieħed ser igawdi permezz ta' din il-wirja huwa ħjiel żgħir tas-sens ta' ċiviltà kulturali, reliġjuża u soċjali ta' pajjiżna.

Il-wirja ta' dawn ix-xogħolijiet prezzjużi li wħud qed jiġu esposti għall-pubbliku għall-ewwel darba, hija opportunità unika għal dawk kollha li jħobbu l-arti kif ukoll għar-riċerkaturi.

Din il-wirja hija xhieda tal-impenn tal-Gvern favur l-għarfien u l-istudju tal-wirt storiku u artistiku ta' pajjiżna.

Ringrazzjament lil dawk kollha li taw semhom u minn qalbhom fetħu t-teżori tagħhom biex jiġu esebiti fl-uffiċċju tal-Prim Ministru, biex il-poplu jkun jista' jarhom mill-qrib u fid-dettal. B'mod partikoari lill-Kappillani u Arċiprieti tal-knejjes u lill-komunitajiet fil-monasteri u kunventi tal-Belt kapitali tagħna.

# KAPULAVURI MILL-KNEJJES TAL-BELT

Din il-wirja ta' kapulavuri u teżori mill-**Knejjes Beltin**, f'dan il-lok prestiġjuż tal-**Berġa ta Kastilja**, post li kulturalment, fih innifsu, huwa ta' importanza kbira ċivili u arkitettonika, qiegħda twassal lill-poplu kampjun sinjifikanti u importanti ta' oġġetti ta' ġmiel u valur artistiku kif ukoll storiku.

Din il-wirja trid tindirizza qabel kulħadd lill-**poplu ġenerali**, u tikkomunika miegħu l-**ġmiel estetiku** u artistiku ta' dawn l-oġġetti importanti. Mhix l-intenzjoni ta' din il-wirja li tidħol f'approfondament tekniku u storiku. L-iskop prinċipali ta' din il-wirja huwa li l-viżitatur igawdi u japprezza l-oġġetti storiċi u artistiċi murija, filwaqt li jgawdi esperjenza edukattiva mill-qrib u fid-dettal. Uħud minn dawn l-oġġetti rarament ikunu esebiti.

Eżempji ta' xi oġġetti rari li ser ikunu murija huma: Il-Preżentazzjoni tal-**Flaġelazzjoni ta' Kristu** ma' Kolonna, attribbwita lil **Alessandro Algardi** u lil **Francois Duquesnoy**, maħduma fil-fidda, fuq pedestal interzjat bil-lapis lazzuli, agata u ħaġar prezzjuż magħmul minn varjetà ta' calcedonio, magħmulin f'ħames kwadretti tal-Ottone (Bronż u żingu flimkien ta' kulur isfar) u indurati bid-deheb. Dan hu rigal tal-Granmastru Pinto lill-Monasteru tas-sorijiet Ġerosolimitani ta Sant' Ursula.

F'din is-sena li fiha qed niċċelebraw l-400 sena mit-twelid taċ-ċelebri **Mattia Preti**, kwadru ta' importanza u xogħol maġġuri tiegħu qed jiġi esebit għall-ewwel darba fil-pubbliku. Dan huwa kwadru mhux magħruf u minn stħarriġ li sar, huwa probabbli li dan ix-xogħol ma deher fl-ebda pubblikazzjoni. Dan minħabba li qatt ma kien espost għall-pubbliku.

Flimkien ma' teżori oħrajn, fil-wirja nsibu għall-ewwel darba esebiti flimkien żewġ figuri ta' **Appostli maħdumin fil-fidda mal-mudell tagħhom tat-terracotta**, li juru l-eżekuzzjoni tax-xogħol primarju u inizjali flimkien mal-opra tax-xogħol finali mill-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu.

Mill-Knisja ta' Santu Wistin huma murija żewġ **Anġli tal-bronż** ta' daqs kbir, li għall-ewwel darba ser joħorġu mill-knisja. Dawn huma xogħol tas-seklu 20, iżda ta' eċċellenza kemm fil-mudellatura kif ukoll fil-finezza bronżili tagħhom, flimkien ma' skulturi u teżori oħrajn. Xogħol importanti ieħor ta' livell għoli tal-arti huwa l-istatwa ta' **Kristu Rxoxt** tal-patrijiet Franġiskani Konventwali. Dan huwa xogħol fl-injam u wieħed mill-isbaħ eżempji tal-barokk Ruman tas-seklu 17.

Mis-Santwarju Bażilika Madonna tal-Karmnu ser tkun esebita flimkien ma' oħrajn, dik magħrufa bħala l-**Madonna tal-Morda**, (minħabba li kienet tittieħed fid-djar tal-morda), imżejna bl-aktar affarijiet prezzjużi flimkien ma' sfera tal-filugran tal-fidda mill-aktar sabiħa u mdaqqsa.

F'din il-wirja nsibu numru żgħir ta' kwadri, iżda importanti, fosthom **Mattia Preti**, **Francesco Zahra**, kif ukoll żewġ kwadri oħra attribwiti lill-Bottega ta' **Parmeggianino**, jippreżenta lill-Madonna b'Ġesu' ma' Santa Katerina. Kwadru ieħor juri qaddis Karmelitan, bottega ta' **Giuseppe De Ribera** u pitturi oħrajn rari.

Mingħand il-Frangiskani Minuri (Knisja ta' Ġieżu) ser ikun esebit dak li fl-opinjoni tiegħi huwa l-isbaħ **Bambin liturġiku** ta' Malta. Dan huwa tas-seklu 17 u barra l-ġmiel ta' wiċċu, huwa mżejjen bl-aktar rakkmi sbieħ.
Insibu wkoll għadd żgħir ta' lbies tal-altar, iżda mill-aktar sinjifikanti għax-xogħol u l-aspett storiku tiegħu.

Dak li wieħed ser igawdi f'din il-wirja huwa l-ewwel u qabel kollox ħjiel żgħir tas-sens ta' ċivilta' kulturali, reliġjuża u soċjali, ippreżentata mill-knejjes tal-Belt bħala tieqa ta' Malta.
Interessanti li wieħed iżomm quddiem għajnejh li dawn l-oġġetti saru b'artistrija kbira u għalhekk insejħulhom kapulavuri minħabba l-uniċità u l-kwalità tax-xogħol tagħhom.

Interessanti wieħed jinnota li dawn mhux biss inħolqu minn majestri b'artistrija u sengħa kbira, iżda wkoll b'imħabba lejn il-kult Divin.
Filwaqt li qed jiġu esebiti f'wieħed mill-aktar bini sabiħ u prestiġġjuż tal-Belt kapitali tagħna, iżda barrani għalihom, qegħdin hawn murija, indipendentament mit-twemmin u l-fidi tal-viżitatur. Dan biex ifakkru u jikkonfermaw li l-poplu Malti, tul il-medda tas-snin għadu jgawdi sens ta ċiviltà għolja u qawwija.
Kulturalment, il-popli jiltaqgħu flimkien u jiffurmaw patrimonju li jirrifletti l-identità raffinata tagħna b'mod kollettiv.
Missirijietna rregalawlna dawn l-opri biex, filwaqt li jaqdu l-kult Divin fl-ambjenti Sagri tagħhom, jibqgħu magħna jimmarkaw l-istorja kbira ta' pajjiżna.

**Sac. Charles Vella**
Kuratur u Direttur tal-Esebizzjoni

# MASTERPIECES FROM VALLETTA CHURCHES

This exhibition of masterpieces and treasures from the **Valletta churches** in the prestigious venue of the **Auberge de Castille** aims to convey a significant and important sample of objects of beauty of artistic and historical value.

This exhibition is aimed towards the **general public** and aims to communicate the **aesthetic and artistic beauty** of these objects, some of which have been rarely exhibited before. It is not the exhibition's intention to delve into a deep technical and historical analysis.

One of the rare objects which will be on display is the presentation of the **Flagellation of Christ** against a column, attributed to **Alessandro Algardi** and to **Francois Duquesnoy**. Executed in silver on a pedestal studded with lapis lazuli and agate and precious stones made from a type of calcedonio, and made into five paintings of ottone gilded with gold. This was a gift by Grand Master Pinto to the nuns Gerosolimitani of St Ursula.

A painting by **Mattia Preti** will be exhibited to the public for the first time, on the occasion of the 400th anniversary from the famous painter's birth. This is a little-known painting and current research indicates that this work has never appeared in any publication.
Two figures of the **Apostles executed in silver together with their terracotta model** will be exhibited for the first time at this exhibition. Usually housed at the Church of St Paul's Shipwreck, these show the initial work together with the final masterpiece.

Two large **bronze angels** usually found in St Augustine's Church, will leave this church for the first time. These are 20th century works, but display excellence both in the modelling and in the bronze finesse.

Another important work is the statue of the **Risen Christ** by the friars of the Conventual Franciscans. This is executed in wood and is one of the finest examples of 17th century Roman Baroque.

From Our Lady of Mount Carmel's Sanctuary, comes **Our Lady of the Sick**, so called because it used to be taken to the sick, decorated with precious objects, as well as a silver filigree sphere.

Among the important paintings there will be works by **Mattia Preti** and **Francesco Zahra**, as well as two paintings attributed to the Bottega of **Parmeggianino** and another painting from the bottega of **Giuseppe de Ribera**.

The exhibition will also include what, in my opinion, is the most beautiful **liturgical baby Jesus** in Malta. Coming from the Franciscans, church of Ta' Ġieżu, this is a 17th century work and apart from the beauty of its face, it is decorated with fine embroideries.

A small but significant collection of altar clothing will also be on display.

This exhibition will convey a glimpse of the sense of the cultural, religious and social civilisation, presented by the Valletta churches, as a window on Malta. These works were executed not only with great artistry and skill but also with love for the divine cult.

Their exhibition at the Auberge de Castille means that they will be exhibited independently of the faith of the visitor, to remind the Maltese people that, throughout the years, it still enjoys a high and strong sense of civilisation.

Our fathers have left us these works so that, while they celebrate the divine cult in their sacred environment, they also remain, marking the history of our country.

**Sac. Charles Vella**
Exhibition curator/director



# SANTA ROŻA TA' LIMA

***Mattia Preti***

F'din is-sena li fiha qed niċċelebraw l-400 sena mit-twelid taċ-ċelebri Mattia Preti, kwadru ta' mportanza u xogħol maġġuri tiegħu qed jiġi esebit għall-ewwel darba, fil-pubbliku. Dan huwa kwadru mhux magħruf pubblikament, u minn stħarriġ li sar huwa probabbli li dan ix-xogħol ma deher fl-ebda pubblikazzjoni, dan minħabba li qatt ma kien espost għall-pubbliku.

Dan minħabba wkoll li jista' jqajjem xi dubji dwar l-awtur, kawża ta' xi diformazzjonijiet li għandu fuq il-wiċċ tal-Madonna. Din hi konsegwenza ta' xi velaturi li ġew mimsuħa, kif ukoll jista' jkun kawża ta' nixfa żejda fil-kulur li kienu kkawżaw polverizzazjoni u b'hekk jitfarfar il-kulur maż-żmien. Insibu wkoll interventi pittoriċi barranin fuq xi wcuħ oħra. Saħansitra hemm wiċċ ta' puttin fl-isfond tal-kwadru li huwa kważi mpitter kollu mill-ġdid. Din l-osservazzjoni trid tiġi msaħħa b'mod aktar xjentifiku, li jagħti aktar saħħa lil din l-attribuzzjoni, kif ukoll permezz ta' riċerka arkivjali.

Il-kwadru jirrappreżenta lil Santa Roża ta' Lima u fiċ-ċentru il-Madonna bil-Bambin imdawwrin bil-puttini. Fl-isfond ma jonqsux San Duminku u Santu Wistin. Il-perjodu stilistiku ta' dan il-kwadru huwa simili ħafna tal-kwadru titulari ta' Santa Katerina tal-Italja tal-istess pittur Mattia Preti.

L-istat ta' konservazzjoni tiegħu mhix waħda pjaċevoli iżda is-saff pittoriku flimkien mal-preparazzjoni huma marbuta tajjeb mas-sapport tat-tila. F'xi żmien mhux 'il bogħod jidher li ġie mogħti verniċ li saħħaħ il-kulur iżda mhux pjaċevoli estetikament għax mhux omoġenju u f'xi postijiet huwa qawwi ħafna. Twavel maħdumin flimkien minn naħa ta' wara tal-kwadru huma bażi li fuqu tistrieħ it-tila. Dan l-intervent ta' foderatura fuq l-injam jidher li hu antik ħafna, li ħoloq deformazzjonijiet fuq il-wiċċ tal-kwadru. Din l-istess foderatura ħolqot ukoll qsim fit-tila kawża taċ-ċaqliq tal-injam bejn staġun u ieħor. Dan l-intervent jidher li sar biex ibiddlulu l-forma tiegħu, u minn kwadrant jagħmlu l-parti ta' fuq fit-tond biex jidħol fil-prospettiva tal-artal tal-knisja l-ġdida li nsibu llum. F'dan l-intervent partijiet tal-kwadru ġew imqasqsa filwaqt li ġiet miżjuda aktar tila mpittra fil-parti ta' fuq biex taqbel mal-kwadru.

Dan il-kwadru fil-futur qarib jitlob aktar studju u attenzzjoni filwaqt li jkun ikkonservat b'mod aktar dinjituż. Minħabba nuqqas ta' fondi fi ħdan il-komunità Dumnikana, huwa xieraq li benefatturi tal-arti flimkien ma' esperti fil-qasam jieħdu azzjoni mmedjata.

**Sac. Charles Vella**
Kuratur u Direttur tal-Esebizzjoni



# IL-FLAĠELLAZZJONI TA' ĠESU

***Attribwita lil Alessandro Algardi u ż-żewġ manigoldi lil Francois Duquesnoy.***

Din hija biċċa xogħol ta' livell għoli u mportanti. Hija rigal tal-Gran Mastru Pinto, lis-sorijiet Ġerosolimitani u lill-knisja tal-Monasteru ta' Sant' Ursula fil-Belt Valletta. Din l-opra fl-1754 kienet mogħtija lill-Gran Mastru Pinto mill-inkwiżitur Gregorio Salviati, hekk kif dan wasal Malta biex jieħu post l-inkwiżitur Paulo Passionei. Pinto wara rregala din l-opra lill-monasteru u tinsab imniżżla fl-inventarju tas-sorrijiet tal-1758, fejn hemm miktub li hija għotja ta' Pinto.

Meta l-figuri jiżżarmaw, jintrefgħu fl-istess pedestall. Saverio Ignazio Mifsud, li kien l-ewwel wieħed li jikteb dwar l-opra fid-djarju tiegħu, jsemmi wkoll li fl-istess pedestall kien hemm ħafna relikwi bl-awtentika tagħhom. Insibu wkoll li din l-opra ġiet restawrata fl-1813.

Dettal ta' din l-opra artistika mportanti, insibu tlett figuri: Ġesu' fin-nofs marbut ma' kolonna u żewġ manigoldi. It-tlett figuri jintramaw fuq pedestall interzjat bil-lapis lazuli u agate. Ta' min isemmi li l-kolonna hija biċċa sħiħa kbira agate li rari ħafna li tara bħala. Agate hija ħaġra prezzjuża li tagħti fil-kanella ħamrani u kważi trasparenti. Insibu ħaġar ieħor prezzjuż u bronż bid-deheb fuqu.



## KRISTU RXOXT

*Knisja ta' San Franġisk il-Belt Valletta*

L-istatwa ta' Kristu Rxoxt li tinsab fl-Oratorju tal-Kunvent ta' San Franġisk il-Belt fi triq ir-Repubblika, hija opra artistika mill-isbaħ u ta' valur kbir artistiku. L-istil huwa wieħed ta' Barokk Ruman tas-seklu sbatax li jsaħħar għas-sbuħija ta' moviment u ta' espressjoni li fiha l-istatwa.

L-istatwa hija skolpita fl-injam u saret fl-1698. Inħadmet f'waħda mill-bottegi ta' Ruma minn artist tajjeb ħafna influwenzat minn xogħlijiet ta' Bernini, li ismu ma nafuhx. Tħallset mill-Arċikonfraternità tal-Immakulata Kunċizzjoni u biex waslet Malta minn Ruma kienet assigurata mill-fratelli u bl-għajnuna tal-Commendatore Sacchetti, ambaxxatur tal-Ordni Gerosolimitan f'Ruma. L-istatwa ġiet tiswa 131 skud, 9 tari u 10 grani.





# L-ISTATWI TAL-FIDDA
# TA' SAN MATTEW U SAN FILEP

*Kolleġjata ta' San Pawl*





Dawn jagħmlu parti minn sett ta' sitt statwi li jintużaw fuq l-artal maġġur fil-festa ta' San Pawl. Dawn huma maħduma fil-fidda mastizz li ħarġu mill-forma skont il-mudelli tagħhom li qed narawhom esebiti ħdejhom. Kemm il-mudelli kif ukoll l-istatwi tal-fidda huma kwalità għolja ta' xogħol tas-seklu 19. Probabbilment dawn iż-żewġ statwi tal-fidda, kif ukoll il-mudelli tagħhom inħaddmu Ruma. Il-benefattriċi tagħhom kienet Signora Teresia Portelli li mietet fis-sena 1883 u tinsab midfuna fl-istess kolleġjata. Il-bqija tas-sett huma ftit differenti fil-kwalità u nħadmu Pariġi.




## KWADRU TAL-MADONNA TAL-KARMNU MAGĦRUFA BĦALA "IL-MADONNA TAL-MORDA"

*Santwarju Bażilika Madonna tal-Karmnu*

Din ix-xbieha tal-Madonna imdawwra bi gwarniċ tal-fidda immartellat hija mimlija b'rikkezza ta' donazzjonijiet prezzjużi. Dawn jissimbolizzaw sentimenti profondi ta' tant Maltin jitolbu il-ħarsien divin ta' Marija Santissima. Din l-ikona tappartjeni lis-Santwarju Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu.

 

# ANĠLI MAĦDUMA FIL-BRONŻ

*Knisja Santu Wistin*

Dawn l-anġli skont Fr. Mark Cauchi OSA, huwa disinn ta' Vincezzo Bonello tas-seklu 20. Ġew maħdumin Ruma u għandhom xogħol ta' mudellatura mill-isbaħ. Dawn insibuhom quddiem is-Sagrament fil-knisja u jkunu mixgħula b'żewġ lampi ħomor kuljum lejl u nhar.





## BAMBIN TAL-FISQIJA

*Knisja ta' Ġieżu (Franġiskani Minuri)*

Dan il-Bambin huwa ġmiel li jsaħħrek warajh. Huwa tas-seklu 17 u maħdum fix-xema'. Il-fisqija tiegħu hija rrakmata fuq ħarir bid-deheb u hija oriġinali. Dan il-Bambin qed jiġi ppreżentat ma' kwadru li juri lil Ġesu' fil-fisqija ħamra. Dan huwa Bambin liturġiku, li skont il-vangelu 'U Marija fisqietu f'maxtura.' Kien jitqiegħed fuq l-altar proċessjonalment fil-quddiesa ta' nofs-il-lejl. Il-Ħadd ta' bejn il-Milied u l-Epifanija kien jitlibbes fisqija ħamra, dan għaliex kien jisejjaħ il-Ħadd taċ-ċirkunċiżżjoni li fiha Ġesu xerred l-ewwel demm. Imbagħad fl-Epifanija kien jintrefa' u joħroġ Bambin ieħor bilwieqfa, jew bilqegħda liebes ta' Re bis-Salib f'idejh.

It-trabi fis-seklu 17 kienu għadhom jiġu mfisqija u jiġu mlibbsa wkoll barra rakmi sbieħ fuq il-faxex, tiżjin tad-deheb u perli kif ukoll qroll madwar għonqhom. Huma kienu jemmnu wkoll li l-qroll ibiegħed l-għajn ħażina.

Huwa dokumentat li l-artist li ħadmu kien patri Franġiskan mill-komunità Franġiskana ta' Ġieżu tal-Belt.



1.



2.



3.



4.

# OĠĠETTI ARTISTIĊI OĦRA



5.



6.

## 1. SFERA
*Kolleġjata ta' San Pawl*

Fidda Maltija mmartellata u xogħol ieħor fil-fondut. Stilistikament attribwita lil Pietro Scotto. Din l-isfera m'għandiex boll imma ddatata 1713. Hija għandha disinn partikulari b'anġlu jerfa' l-parti ta' fuq tal-isfera. Fiha wkoll l-arma tal-familja nobbli li rregalata lill-kolleġjata ta' San Pawl. Il-benefattur ta' din l-isfera kien Clotilde Corso.

## 2. LEĠIJU INTERZJAT
*Kolleġjata ta' San Pawl*

Biċċa għamara Maltija ta' kwalità raffinata, interzjat bħal gradenzi sbieħ ta' Malta tas-sekli 17 u 18.dan il-leġiju tas-seklu 18 huwa magħmul minn diversi tipi ta' njam fosthom larinġ, żebbuġ u ġewż.

## 3. BAĊIR
*Kolleġjata ta' San Pawl*

Fidda mmartellata b'dekorazzjoni manjerista. Il-fidda mmarkata bit-timbru uffiċċjali tal-1680-90. L-arġentier li ħadimha mhux magħruf u fiċ-ċentru fiha arma ta' familja li turi li kienet għal użu privat qabel ma ġiet mogħtija lill-kolleġjata ta' San Pawl.

## 4. BAĊIR
*Kolleġjata ta' San Pawl*

Fidda martellata li ma fiha ebda timbru uffiċċjali iżda tmur lura għas-seklu 18. Possibilment hija xogħol minn naħa ta' isfel tal-Italja. Oriġinaljament kienet għal użu domestiku u wara ġiet regalata lill-kolleġjata ta' San Pawl. Din hija bravura ta' xogħol fil-fidda.

## 5. IMPULLUZZI
*Knisja ta' Santu Wistin*

Xogħol mill-knisja ta' Santu Wistin maħduma f'ornament bil-weraq tad-dielja fuq żewġ važi tal-ħġieġ. Xogħol mill-aktar fin ta' arġenterija sofistikata u eleganti. Ta' min japprezza d-dettal u l-ħlewwa fid-disinn li jagħtihom dehra festiva.

## 6. SFERA
*Santwarju Bażilika Madonna tal-Karmnu*

Din l-isfera fillogran maħduma fil-fidda hija xogħol mill-aktar imprezzabbli. Il-fillogran huwa maħdum minn fili rqaq tal-fidda, li l-arġentier joħloq permezz tiegħu għadd ta' dissini żgħar maqgħquda flimkien. Din l-isfera antika u prezzjuża turi l-artiġġjanat sofistikat Malti kif ukoll ukoll ir-rispett u d-devozzjoni lejn il-kult divin.

## 7. VENTALTAR
*Knisja ta' Santu Wistin*

Dan il-ventartal huwa disinn tal-Bormliż Abraham Gatt. Huwa xogħol tas seklu 19 u 20.


7.


8.


9.


10.

# OĠĠETTI ARTISTIĊI OĦRA


11.


12.


13.



14.

### 8. KARTI GLORJA
*Parroċċa tal-Portu Salvu u San Duminku*

Xogħolijiet mill-isbaħ fil-fidda mmartellata.

### 9. LAMPIER
*Knisja tal-Ġiżwiti*

Dan il-lampier tas-seklu 18, huwa eżempju ta' xogħol sabiħ fil- fidda Maltija. Huwa differenti milli naraw is-soltu għax maħdum trijangolu. Dan huwa xogħol martellat u ta' eċċellenza.

### 10. MIDALJUN
*Oratorju tas-Ssmu. Sagrament*

Midaljun tad-deheb li jilbes ir-Rettur tal-fratellanza tas-Sagrament fil-parroċċa tal-Porto Salvo u San Duminku

### 11. MADONNA TAL-FIDDA
*Santwarju Bażilika Madonna tal-Karmnu*

Din il-biċċa xogħol sabiħa u mhux komuni insibuha fis-Santwarju Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu. Din turi is-sena tal-arġentier li minn pjanċa ċatta kapaċi bil-martell iwitti fuq mudell ta' materjal aktar iebes mill-fidda u joħloq opra tal-arti. L-artist l-ewwel ħoloq ix-xbieha mit-tafal u wara li għamel il-forom fondiha bil-ħadid biex jkun jista' jimmartella fuq dik il-forma, filwaqt li jwitti bil-martell u joħroġ ix-xbieha.

### 12. SUĠĠETTA
*Oratorju tas-Ssmu. Sagrament*

Suġġetta rregalata lill-Arċikonfraternità tas-Santissmu Sagrament mill-Gran Mastru Pinto biex tintuża għall-vjatku tal-morda meta tkun ix-xita.

### 13. SALIB MINN SETT TA' GANDLIERI
*Knisja Santa Marija ta' Ġesu' (Ta' Ġieżu)*

Gandlier skolpit b'finezza fl-injam fuq stil barokk qawwi .

### 14. LAMPIER
*Knisja ta' Santu Wistin*

Xogħol tas-seklu 19 fil-fidda, b'disinn li jirrifletti l-epoka tiegħu.




Pittura li turi lill-isqof ta' **Malta Tumas Gargallo** tal-1578 fil-Knisja tal-Giżwiti.



Dan il-kwadru li jirrappreżenta **qaddis Karmelitan**, joħloq interess ta' attribuzzjonijiet. Juri kapaċitajiet ta' mgħallem tajjeb Spanjol. Huwa maħdum b'ċertu qawwa u forza li tfakkar ħafna l-istil ta' Giuseppe De Rebera artist Spaniol tas-seklu 17. Dan ix-xogħol insibuħ fil-knisja tal-Karmnu.



**San Franġisk**, xogħol tas-seklu 17 minn artist mhux magħruf. Dan insibuh fil-kunvent tal-patrijiet ta' Ġieżu.



**San Franġisk ta' Paula**
Xogħol attirbwit lill-bottega ta' Mattia Preti tas-seklu 17, li nsibuħ fil-kolleġjata ta' San Pawl.




Kwadru f'għamla ovali li juri lil **San Bernardinu ta' Siena**. Xogħol tas-Seklu 18 tas-Senglejan **Francesco Zahra.** Dan il-kwadru jinsab fil-kunvent tal-patrijiet ta' Ġieżu.



**Il-Madonna b'Ġesu' tarbija u Santa Katarina.** Pittura sabiħa ħafna li skont kif jikkumenta patri Ġorġ Aquilina fil-ktieb tiegħu, dwar il-monasteru ta' Sant Ursola, jattribwixxi lill-**bottega tal-Parmeggianino.** Dan ix-xogħol insibuh fil-monasteru ta' Sant' Ursula.



**Madonna b'Ġesu' mfisqi,** jieħu il-ħalib mingħandha. Xogħol tas-seklu 17. Dan ix-xogħol jinsab fil-knisja tal-Ġiżwiti.

# ĦAJR

**Kuratur u Direttur**
Rev. Can. Charles Vella

**Organiżazzjoni**
Noel D'Amato għall-Kunsill Malti għall-Kultura u Arti
Mark Farrugia għall-Uffiċċju tal-Prim Ministru
Chris Galea għall-Uffiċċju tal-Prim Ministru
Beppe Farrugia għall-Uffiċċju tal-Prim Ministru
Johann Grech għall-Uffiċċju tal-Prim Ministru
Sean Buhagiar, direttur artistiku Notte Bianca
Mario Coleiro għall-Heritage Malta

**Konsulenti**
Robert Cassar M.A. Histroy of Art, Heritage Malta
Fr. Arthur Joe Saliba OFM. Conv.
Nicholas De Piro
Fr. Mark Cauchi OSA

**Donaturi tal-esebiti**
Mons. Alexander Cordina Arċiprit, u l-Kapitlu tal-Kolleġjata ta' San Pawl
Mons. Philip Calleja, Rettur tal-knisja tal-Ġiżwiti
Rev. Joe Caruana OFM u l-komunità tal-patrijiet Franġiskani Minuri
Rev. Arthur Saliba OFM Conv u l-komunità tal-patrijiet Franġiskani Konventwali
Rev. Alexander Cauchi OSA u l-komunità tal-patrijiet Agostinjani
Rev. Joe Bonnici OP u l-komunità tal-patrijiet Dumnikani
Rev. Alex Scerri O. Carm l-komunità tal-patrijiet Karmelitani
Rev. Maurice Mifsud, rettur tal-knisja ta' San Ġakbu
Il-Madre Prijura u l-komunità tas-sorijiet tal-ordni Ġerosolimitan, fil-monasteru ta' Sant' Ursola
Ir-Rettur u l-Arċikonfraternità tas-Santissmu Sagrament

**Pubblikazzjoni**
Testi – Rev. Charles Vella
Traduzzjoni - Sandra Aquilina
Disinn - Ikona Artworks Ltd
Fotografija – Mark Micallef
Loġistika – Noel D'Amato






KUNSILL
MALTI
GĦALL-KULTURA
U L-ARTI
Notte Bianca
VALLETTA
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU